# Xi Kurżitajiet dwar ix-Xema' fil-Ħajja tal-Maltin

Kulħadd jassoċja x-xema' mal-mixgħela li, wara kollox, huwa l-iskop ta' l-użu tax-xema' imma fi żmienna għandna l-kumdità ta' l-elettriku x-xemgħa hija wżata aktar b'kapriċċ f'okkażjonijiet spejali, dekorazzjoni, arranġamenti artistii u devozzjonijiet. Fil-knejjes, fejn l-aktar li kienu jużaw xema', insibu materjal ieħor għall-istikka u bla xemgħa fuq bil-molla, jew ukoll tispia bil-bozza ta' l-elettriku. Qabel il-miġja ta' l-elettriku ż-żejt u x-xema' kienu użati kullimkien imma l-fqajrin kienu aktar jużaw żjut ordinarji u xaħmijiet għall-imsiebaħ għax ix-xema' u, aktar tard, il-pitrolju kienu altar għaljin. Imma x-xema' kienet tidħol taħt għamla jew oħra f'ħafna attivitajiet tul is-sekli li għaddew.

**Fil-legati u t-testmenti**

L-aktar mis-seklu sbatax sas-seklu dsatax kienet drawwa mifruxa sewwa li individwi sinjuri jħallu ħafna legati u struzzjonijiet fit-testment tagħhom lill-fratellanzi, ordnijiet reliġjużi, knejjes u kappillani, biex iserrħu moħħhom li wara mewthom jagħmlulhom il-quddies u aktar kemm kienu jkunu sinjuri aktar kienu jeżiġu rbit u kundizzjonijiet. Ma' dawn niltaqgħu bl-eluf fir-reġistri konċernati għalhekk ma nidħlux f'ħafna dettalji, għalkemm kollha nteressanti, imma bħala eżempji nistgħu nirreferu għal xi waħdiet fejn speċifikament tidħol ix-xema'. Fit-testment tagħha tal-1862, Caterina Bartolo benefattriċi tal-parroċċa ta' Birkirkara ħalliet kandlieri u tvalji għall-altar maġġur u affarijiet oħra imma riedet li fl-anniversarju ta' mewtha jindaqqu l-qniepen tal-mejtin, tindaq mużika fuq l-orgni u titqassam xemgħa liċ-ċelebranti u lil kull min jipparteċipa fl-uffizzju u ċ-ċelebrazzjoni. Fl-1578, benefattrii tad-Dumnikani tal-Belt fit-testment ħalliet ħafna regolamenti u kundizzjonijiet għall- quddies, funeral, difna, lbies taċ-ċelebranti u biex jakkumpanjawha l-fratellanzi u l-kappillani tal-Belt. Minbarra dan kollu riedet li jsiru tnax-il tora (xemgħat kbar) bl-arma ta' kunjomha pinġuta fuqhom biex jinxtegħlu waqt il-quddiesa tal-funeral, fl-ottava u wara 40 jum. Fir-reġistri tal-Ġiżwiti tal-Belt jidhru, fost oħrajn, legati li jinvolvu x-xemgħa u fost oħrajn insibu waħda tal-1662 li titlob biex fil-festi ta' Sant' Injazju, tat-Trinità u oħrajn jinxtegħlu żewġ xemgħat ta' ħamest artal 'l waħda. Legati oħrajn jeżiġu biex jinxtegħlu xemgħat għad-Duluri u l-Ġimgħa Mqaddsa (1679), xemgħa u mużika għall-*buona morte* (1698), u għall-festa ta' Sant' Injazju jsiru vespri, quddiesa kantata b'erba' xemgħat mixgħulin (1711).

**Fuq il-galeri ta' L-Ordni ta' San Ġwann**

Kull meta l-galeri ta' l-Ordni ta' San Ġwann kienu jippreparaw għall-vjaġġ, mhux biss kienu jgħabbu l-ħażniet neċessarji ta' ikel u ilma flimkien ma' l-ammunizzjon u neċessitajiet oħra, imma dejjem kienu jieħdu ħsieb li jkollhom ammont sewwa



ta' xemgħat għad-dawl u xema' għal diversi użi. Kollox kien jinġieb mill-imħażen ta' l-Ordni u jiġi reġistrat waqt il-ħruġ u t-tagħbija. Bħala eżempju ngħidu li fl-1790 mat-tagħbija kellhom ukoll b'kemm jiswew 866 skudi xema' u fl-1765, minbarra bhejjem ħajjin u l-kumplament, tellgħu ħafna xema' b'kemm tiswa 102 skudi. Kienu jużaw ix-xema' tan-naħal ukoll ħaddiema speċjalizżati fil-manteniment tal-qlugħ għax il-lenza kienu jiksuha bix-xema' biex meta jħitu bl-imsella tissaħħaħ u tiżloq sewwa fil-luna. It-tabib ta' fuq il-galeri kien juża ħafna ngwentijiet, żjut, ħxejjex u materjal ieħor fuq il-feriti li tant kienu komuni fost il-baħħara u l-iskjavi, imma fost oħrajn kien ukoll juża dlik bix-xema'. F'ċerti portijiet fejn kienu jidħlu l-galeri u l-bastimenti ta' l-Ordni f'artijiet barranin il-ġeneral mhux biss kien ta' sikwit jingħata rigali ta' dundjani, tiġieġ, ħamiem, xorb u bżonnijiet oħra, imma wkoll ammont ta' xema'. Il-kappillani ta' fuq il-galeri kienu jġorru magħhom dak kollu li kien ikollhom bżonn għall-quddies, bħal utensili u lbies imma wkoll kienu jġorru biżżejjed dqiq u għodda biex jagħmlu l-ostji u xema' għall-vjaġġ kollu.

**F'ritwali u okkażjonijiet speċjali**

L-inkwiżituri kien ikollhom ħafna każi ta' superstizzjonijiet u ritwali li għal dak iż-żmien kienu jmorru kontra r-regoli tal-knisja li kienu jinvolvu l-użu tax-xema'. Fost dawn kellhom ukoll każi ta' mażunerija. Fis-snin ħamsin tas-seklu tmintax wieħed li xehed quddiem l-inkwiżitur f'każ minn dawn qal li fiċ-ċerimonja ta' aċċettazzjoni fil-mażunerija, fost ċeremonji oħra, wieħed kien jgħaddi minn kamra mixgħula b'xemgħa sewda fir-rokna u fl-aħħar kamra kien ikun hemm trijangli fl-art fuq tapit u xemgħa sewda fl-angoli ta' kull trijanglu. Fl-1775 wieħed impjegat ma' l-Ordni stqarr quddiem l-inkwiżitur li kien involut fil-mażunerija u fost ritwali oħra kien irid jixgħel żewġ xemgħat ta' żewġ kandlieri u wara tliet xemgħat oħra. Dan kien simili għal każ ieħor fl-1783.

Fl-1701 l-Ordni ta' San Ġwann għamlet ċelebrazzjonijiet f'ġieħ Filippu ta' Anjou, jew Filippu V bħala re ta' Spanja. Minbarra l-mużika, saluti, dekorazzjonijiet u logħob tan-nar it-tlitt ijiem ta' festi għalqu bi sfilata li kien fiha karru trijonfali jew *float* bil-figuri mitoloġii u simboliċi ta' Erkole fil-ġnien ta' Esperides bi dragun, simboli tal-*Fleur de lys*, virtujiet u glorja. Ma' nżul ix-xemx dan il-karru kien mixgħul b' 500 xemgħa.

Fl-14 ta' Novembru 1729 l-Ordni ċċelebrat fil-port it-twelid ta' iben ir-re Lwiġi XV ta' Franza. Il-bastiment kapitana żżejnet bl-arma tal-prinċep il-ġdid u, minbarra tiri ta' salut u bnadar fuq il-galeri sorġuti bejn Sant' Anġlu u l-Isla, meta niżlet ix-xemx dendlu fanali taż-żejt mixgħulin, tori u lampjuni bix-xema'.

Ir-relikwa ta' id San Pawl li hemm il-Belt għall-ewwel kienet għand Giovanni Battista Tonna li għamlilha relikwarju għamla ta' id. Hu għaddiha lil Vincenzo Aloisio Bonavia li fl-1823 irregalaha lill-kapitlu ta' San Pawl imma għamlilhom ċerti kundizzjonijiet fosthom li jekk ma jżommuhiex il-Belt iħallsu penali ta' 33 ratal xema' lill-fratellanza tas-Sagrament u l-Qalb ta' Ġesù ta' l-istess parroċċa. Fil-knisja ta' San Ġwann Battista tal-Belt, il-knisja konventwali tagħha, l-Ordni kellha mijiet ta' relikwi u fosthom kellhom żewġ muniti li kienu xandruha li

kienu minn dawk il-bċejjeċ tal-fidda ta' Ġuda. Kienu jagħmlu kopji tax-xema' minn fuqhom u jqassmuhom b'devozzjoni fi żmien il-Ġimgħa l-Kbira, l-aktar lill-baħħara tal-galeri.

Ta min jgħid li fis-seklu ħmistax fl-Imdina kien hemm għadd ta' negozjanti Lhud u fosthom kien hemm dawk li jipprovdu x-xema' lill-kattidral għal festi ta' L-Imnarja u wkoll blanduni dekorati.

**Bħala ġest ta' omaġġ u sentimenti oħra**

Il-kappillani tal-parroċċi ġodda li ħarġu mill-matriċi t'Għawdex kellhom jagħmlu offerta annwali lill-arċipriet taċ-ċittadella. L-offerta kienet issir fil-festa ta' Santa Marija waqt il-quddiesa kantata u kienet tikkonsisti f'xemgħa bajda li mill-anqas kellha tiżen ekwivalenti għall-kilogramm jew tnejn. Dan ma jfissirx li dawk il-kappillani kienu jagħmlu din l-offerta minn qalbhom għax kienet ħaġa imposta fuqhom.

Il-fratellanza ta' San Luqa li kien hemm fil-knisja tal-Konventwali tal-Belt fis-seklu XVII kienet imponiet fuq il-fratelli tagħha għamla ta' multa jekk jiksru r-regolamenti. Din il-penali kienet ta' għaxart artal (żewġ wiżniet) xema' bajda.

Il-maġġordomo tal-Gran Mastru kien ikun kavallier anzjan li jieħu ħsieb l-attivitajiet ta' l-istess Gran Mastru billi jilqa' viżitaturi mportanti, jirregola l-pranzijiet u t-truppi u xogħol ieħor. Meta jippranza privatament mal-Gran Mastru kien intitolat għal tliet ħobżiet, tliet tazzi nbid u żewġ xemgħat.

Fis-seklu XV u XVI fil-Mellieħa, bħal postijiet oħrajn, kienu jinżammu ħafna naħal. F'Wied Naħlija, fl-Imġiebaħ, l-għasel u x-xema' kienu jintużaw biex jitħallas il-benefikat lill-kattidral għall-użu ta' l-art ta' Wied San Nikola.

Meta kien ġie Malta id-delegat appostoliku Dusina fil-1575 sab li l-ħlasijiet nominali għall-magħmudija, bħala eżempju fiż-Żejtun, kienu ta' karlin, imma għaż-żwieġ kien ħames karlini, ġarra nbid, ħobża u żewġ xemgħat.

L-aktar okkażjoni magħrufa fost il-Maltin li fiha tidħol ix-xemgħa bħala omaġġ kienet il-festa tal-Kandlora (jew Gandlora) tat-2 ta' Frar magħrufa wkoll bħala l-Purifikazzjoni tal-Madonna jew il-Preżentazzjoni ta' Ġesù. Din il-festa għandha storja twila b'diversi tibdil fid-dati u ritwali imma f'Malta kienet drawwa li l-kappillani joffru xemgħa dekorata lill-Gran Mastru u lill-Isqof kif ukoll lil dinjitarji u superjuri oħra kif ukoll kienu jagħmlu l-fratellanzi lill-isqof , superjuri u benefatturi. Xemgħat oħra aktar sempliċi jitqassmu fost il-parruċċani. In-nies kienu jżommu x-xemgħa tal-kandlora mdendla d-dar bħala devozzjoni, saħansitra bċejjeċ minnha kienu jużawhom kontra l-mard, sajjetti u mehmużin f'borża kejkna fuq ilbies it-trabi; l-istess kienu jagħmlu bil-bċejjeċ tax-xemgħa samra tat-tniebri. Wara li spiċċat minn Malta l-Ordni ta' San Ġwann il-kappillani bdew joffru x-xemgħa lill-gvernatur u dan kien jagħmel diskors għall-okkażjoni dwar suġġett jew sitwazzjoni taż-żmien. Fl-1940 Charles Bonham Carter kellimhom fuq l-imminenza tal-gwerra li kienet ġa tinħass madwarna; tabilħaqq li f' Ġunju waslu l-ewwel attakki fuq Malta. Matul il-gwerra waqfet din iċ-ċerimonja annwali imma reġgħet kompliet fl-1944. Fl-1975 il-gvern abolixxa l-għoti tax-xemgħa lill-gvernatur għax iż-żminijiet kienu tbiddlu. Qabel



kienet għamla ta' omaġġ lill-ħakkiem, imma issa Malta kienet indipendenti, id-diskorsi tal-gvernatur kienu aktar ħadu xejra propagandistika u wkoll beda riesaq tmiem l-Ingliżi f-Malta. Il-kappillani komplew joffru x-xemgħa lill-arċisqof u ndividwi oħra, imma wkoll din it-tradizzjoni nqatgħet fl-1994 meta minflok xemgħa il-kappillani bdew joffru ikel u bżonnijiet għall-istituzzjonijiet li kienu jinħtieġuhom, miġbrurin mingħand il-parruċċani waqt il-quddiesa.

**Parti mix-xogħol**

Hemm diversi xogħolijiet li fihom jidħol l-użu tax-xema' bħalma ġa semmejna dwar dawk lijsewwu l-qlugħ fuq il-galeri. Hawn inġibu biss ftit eżempji. Użu assolutament inutli ta' xemgħa kien dak tal-18 ta' Frar 1704 meta l- prijur tal-fratellanza ta' San Lazzru tħallas tax-xemgħa li kien xegħel biex jikkalma l-ajruġ Il-maltemp kien ibeżża' ħafna nies u kellhom talb, ċerimonji bil-qniepen, ħbejżiet imbierka u xemgħa bit-tama li jwarrab minn fuqhom. Mingħajr xemgħa jgħaddi wkoll, imma kienu aktar jieħdu gost jaħsbu li kienet id-daqsxejn ta' xemgħa tagħhom, traba fl-univers, li kklontrollat l-immensità ta' l-ajru.
Fix-xogħol tal-bini, fis-seklu sbatax, kienu sikwit isaqqfu bil-qasab u t-torba, bħalma sar fid-diversi kunventi tad-Dumnikani. It-twieqi kienu mingħajr ħġieġ, imma minflok kellhom xoqqa mgħaddsa fix-xema' stirata fuq il-gwarni. Din kienet tkun magħrufa bħala inċerata, kelma (mit-taljan *cera* li tfisser xema') li baqgħet tintuża wkoll għall-ilbies kontra x-xita.
L-istrumenti popolari tal-mużika, u hawn nirreferu għal dawk tar-riħ, kienu jkunu magħmulin minn materjal li jinstab fuq il-post. Fejn jaqtgħu il-bieba bl-ilsien fil-bia qasba jew zokk il-vibrazzjoni toħloq in-nota u, fost strateġiji oħra, kienu wkoll iqattru qatra xema' fuq l-ilsien biex iqarrbu lejn in-nota li jridu.
Ix-xemgħa kien jixgħelha f'xogħlu wkoll dak li jaħdem fit-twiebet. Meta jiksi l-kaxxa biż-żingu minn ġewwa kien irid jissaldjaha biex tingħalaq qabel id-difna. Meta jissaldjaha kien idawwar ma' fejn stannja xemgħa mixgħula max-xifer u jekk il-fjamma tteptep ikun hemm xi toqba. Ukoll meta jniżżlu l-kaxxa fil-qabar kien jinżel wieħed bix-xemgħa mixgħula biex jara hux ħiereġ xi nifs mit-tebut.
Kulħadd jaf bix-xogħol iebes tal-baqquniera li kienu jħaffrru bl-idejn l-ispieri u l-mini fil-blat għall-ilma. Il-blat poruż dejjem jiskula minnu l-ilma li jinġabar mix-xita. Għalhekk kienu jħaffru fih spiera, ġieli xi ħamsin pied l-isfel sakemm jintlaħaq tafal jew blat li mhux poruż u, mill-ġnub tal-qiegħ il-baqquniera kienu jħaffru mini laterali bil-pindil lejn l-ispiera, b'toqob fondi mal-ħitan biex l-ilma joħroġ u jinġabar f'qiegħ l-ispiera. Fuq din kienu jarmaw il-pompa li taħdem bir-raddiena tar-riħ li f'xi nħawi tant kienu komuni, u l-ilma jitlaq għat-tisqija. Dawn il-pompi tar- riħ ma jitħnu xejn, imma jippumpjaw l-ilma, għalhekk hija njoranza min isejħilhom mitħna ta' l-ilma! Meta ħaddiema kienu jinżlu biex jaħdmu isfelnett kienu jniżżlu xemgħa magħhom biex jekk din ma tixgħelx ifisser li m'hemmx ossiġenu biżżejjed f'dak il-fond għalhekk ma jkunx tajjeb li jinżlu għal xi żmien.

**Fil-politika!**

Fis-snin sebgħin sal-1987 kien hemm tnaqqis mill-gvern fin-numru ta' festi pubbliċi jew kmandati. Waħda minnhom kienet l-Imnarja b'theddid ta' passi dixxiplinarji kontra mpjegati li ma jaħdmux dakinhar. Inxtegħlu x-xemgħat waqt attività ta' protesta mill-oppożizzjoni u partitarji tagħha. Il-festa ta' San Pawl Nawfragu wkoll kienet tneħħiet u bi protesta kienu jinxtegħlu x-xemgħat wara l-ħġieġ tat-twieqi u tal-gallariji. Aktar fuq bażi nternazzjonali, fit-30 ta' Jannar1982 saret protesta dinjija biex jinħelsu l-priġunieri politiċi Pollakki. B'solidarjetà mal-Pollakki u artijiet oħra fejn nieqsa l-ġustizzja l-Azzjoni Kattolika organizzat kampanja għal mixgħela bix-xema' wara t-twieqi u l-gallariji bħalma għamel il-Papa.

**Okkażjonijiet oħra**

L-iskjavi ta' l-Ordni fil-*bagno* jew ħabs tagħhom kienu l-biċċa l-kbira Misilmin imma wkoll kienu jixgħelu xi xemgħa b'devozzjoni lejn Moħammed. Ukoll uħud li, wara pressjoni mill-Ordni, jkunu taparsi kkonvertew għall-Kristjaneżmu biex ikollhom ftit aktar libertà jew privileġġi, filwaqt li kienu joffru xi żejt għall-kappella tal-ħabs kienu wkoll sadattant jixgħelu xemgħa lil Moħammed.
Qabel ma vvintaw l-arloġġi domestiċi u personali kienu jużaw l-ampulla jew jew klessidra, arloġġ tar-ramel li baqa' jintuża mill-qrati, fratellanzi, kapitli u gruppi oħra għall-laqgħat, priedki, votazzjonijiet u l-kumplament ukoll meta bdew l-arloġġi. Imma aktar antika kienet ix-xemgħa. Bħal eżempju nsemmu li fl-1469 ħareġ bandu, bħalma kien joħroġ ta' spiss, biex javża li min irid jixħet offerti għal xi xogħol imniedi mill-kunsill popolari ta' L-Imdina jrid jagħmel dan qabel tispiċċa x-xemgħa li tkun inxtegħlet quddiem il-pubbliku, għax wara ma jkunux aċċettati.
Qabel ma bdew il-baned kif nafuhom issa fis-seklu dsatax, kien hemm gruppi ta' daqqaqa li kienu jitħallsu biex idoqqu f'okkażjonijiet ta' festa fir-raħal jew ukoll f'okkażjonijiet privati u familjari. Grupp minnhom f'Ħal Luqa fl-1782 kien imqabbad u wiegħed li jdoqq f'xi festa (ukoll kienu jgħidlha karnival) wara l-Għid il-Kbir u min minnhom jikser il-wegħda kien ikollu jħallas ratal xema' "għall-erwieħ".
Kif qed insemmu l-ewwel baned tiġi f'moħħna l-espressjoni popolari Banda t'Indri li kienet tapplika għall-ewwel gruppi (baned) ta' mużiisti fis-seklu dsatax. Indri Borg twieled il-Belt Valletta fl-1818 u kien sar magħruf bħala mużiċista, kompożitur u eventwalment ukoll surmast tal-banda. Imma dan kien għama għax tilef id-dawl meta kellu biss sentejn. Bil-perseverenza qawwija tgħallem idoqq diversi strumenti u fl-aħħar ifforma banda f'Ħaż-Żebbuġ. Biex jikteb il-mużika kellu tilar miksi kollu xemgħa u jobrox fih u ħabib tiegħu kien wara jikkjupjalu kollox fuq il-karti. Indri miet ta' 84 sena fl-1903. Fil-festi tar-raħal il-bandisti tas-seklu dsatax sikwiet kien ikollhom idoqqu wara nżul ix-xemx, għalhekk il-kappillan, bħalma kien jagħmel ta' Ħal Safi, kien jipprovdilhom ix-xemgħa biex jistgħu jaqraw il-mużika.

Ix-xema' dejjem kienet trid l-ispejjeż u żmien ta' faqar jew skarsezza kienu jibżgħu għaliha u jekonomizzaw. Fis-snin 1798-1800 fit-taqlib ta' żmien il-Franiżi kollox skarsa u x-xema' għoliet fil-prezz. Il-fratellanzi ftaqru għax ġidhom kien mimsus mill-Franċiżi. Dik tal-Kunċizzjoni tal-Konventwali tal-Belt fl-1804 għamlet iċ-ċeremonji tal-festa b'anqas jew xejn xema' kif ukoll anqas mużika u l-priedka ta' l-ottava b'xejn.

Ntemmu din il-kitba b'kurżità oħra li tinvolvi x-xema'. Fil-kattidral ta' l-Imdina fost ħafna monumenti u lapidi hemm waħda bil-kunjom Ceravolo. Billi *cera* tfisser xemgħa u *volo* tfisser titjira, bit-Taljan, dak li għamel l-arma tal-kunjom iffigura xemgħa qiegħeda ttir.

**Guido Lanfranco**

***Għal tiġieġa friska u bnina staqsi għal ta'***

**Smina**
POULTRY PRODUCTS

***San Dawtar***
***Fawwara Road,***
***Limits of Siġġiewi***

***49 Triq tal-Borġ***
***Raħal il-Ġdid***
***Tel: 2166 0805***
***Tel: 2146 6180***

**Mobile: 9946 6701 / 7979 1210 - Fax: 2146 5922**
**Email: smina@mail.global.net.mt**
**EU Approval No: MPSP063**